MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 239/2006

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.
GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 239/06ISB**

**Maltacom plc (C22334)**

**Vs**

**Anne Marie Sultana I.D. 337659 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Marzu 2006, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u disghin Liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm298.91), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u disghin Liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm298.91), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------